MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Appell Civili Numru. 602/2006/1

**Chempetrol Overseas Limited (C 28279)**

**v.**

**Lafi Trade Holdings B.V. (O.C. 87)**

**Il-Qorti:**

Rat ir rikors li pprezentat is-socjeta` attrici fit-3 ta’ Lulju 2006. li jaqra hekk:

“1. Illi s-socjeta Chempetrol Overseas Limited ikkonkludiet ftehim ossia “Distributorship Agreement” datat 15 ta’ Gunju 2003 mas-socjeta` estera Marlib S.A.R.L, socjeta` registrata fil-Morokk, li bis-sahha tieghu l-imsemmija socjeta` Marlib S.A.R.L giet mahtura bhala distributur tas-socjeta` istanti fis-suq tal-Morokk ghal dak li jirrigwarda l-prodotti taz-zejt suppliti minnha;

“2. Illi skont l-Artikolu 6.2 tal-imsemmi ftehim ossia Distributorship Agreement, is-socjeta` Marlib S.A.R.L kienet obbligata li tforni lis-socjeta` istanti b’garanzija mahruga mis-socjeta` konvenuta, li taghha l-imsemmija socjeta` Marlib S.A.R.L hija kumpannija sussidjarja, u dan ghall-ammont ta’ sitt mitt elf dollaru amerikan (US$600,000.0).

“3. Illi in effetti inharget garanzija minghand is-socjeta` konvenuta a favur tas-socjeta` istanti, permezz ta’ ittra datata 11 ta’ Gunju 2003 li permezz taghha s-socjeta` intimata ghamlet tajjeb u ggarantiet il-hlas ta’ somma massima ta’ sitt mitt elf dollaru amerikan (US$600,000.00) u dan riferibbilment ghall-ewwel konsenja ta’ prodotti ossia Polyethylene lejn il-Morokk lil Marlib S.A.R.L a tenur tad-Distributorship Agreement hawn fuq imsemmi.

“4. Illi s-socjeta` istanti forniet lil Marlib S.A.R.L bi provvista ta’ prodotti kif jirrizulta mill-Polza ta’ Kariku datata 15 ta’ Gunju 2003 konsistenti f’elfejn mija u hamsin tunnellata metrika tal-imsemmi prodotti. Din kienet l-ewwel u l-unika konsenja maghmula mis-socjeta` istanti lis-socjeta` Marlib S.A.R.L.

“5. Illi mill-prezz dovut ghal din l-unika konsenja, ghad baqa’ bilanc dovut lis-socjeta` istanti ta’ hames mija u sebgha u ghoxrin elf Ewro (Eur. 527,042.74) oltre l-imghax mit-30 ta’ April 2004.

“6. Illi wara diversi sejhiet u tintattivi mas-socjeta` Marlib S.A.R.L sabiex jithallas dan il-bilanc, li ma wasslu ghal ebda soluzzjoni, is-socjeta` intimata giet interpellata sabiex thallas dan l-ammont peress li obbligat ruhha li taghmel tajjeb u tiggarantixxi l-hals ta’ pagament li ma jeccedix is-somma ta’ sitt mitt elf dollaru amerikan (US$6000,000.00) permezz ta’ ittri datati 10 ta’ Dicembru 2004, u 24 ta’ Marzu 2005, kif ukoll ittra ufficcjali tad-19 ta’ April 2006, u permezz ta’ ittra tad-9 ta’ Marzu 2005 u ittra ufficjali responsiva tas-27 ta’ April 2006, is-socjeta` konvenuta irrifjutat illi taghmel dan il-hlas billi fil-fehma taghha din il-garanzija giet ezawrita.

“7. Illi s-socjeta` istanti sejra tipprova waqt is-smiegh ta’ din il-kawza, li l-garanzija tas-socjeta` konvenuta ghadha veljanti u li konsegwentement is-socjeta` intimata obbligata thallas il-bilanc dovut.

“Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:

“1. Tiddikjara illi l-garanzija moghtija minnha a favur tas-socjeta` istanti ma gietx ezawrita kif allegat minnha u li konsegwentement hija obbligata thallas is-somma bilancjali fi flus maltin ekwivalenti ghas-somma ta’ Eur 527,042.74, jew somma ohra verjuri ekwivalenti ghal ammont tal-garanzija ta’ sitt mitt elf dollaru amerikan (US$600,000.00) liema ammont ghadu dovut in konnessjoni mal-provvista ta’ prodotti taz-zejt kif indikat fil-polza ta’ kariku u diversi fatturi annessi, lis-socjeta` Marlib S.A.R.L;

“2. Tikkundannaha thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma bilancjali dovuta ta’ Eur 527,042.74 jew somma ohra verjuri li hija ekwivalenti ghall-ammont tal-garanzija fis-somma ta’ sitt mitt elf dollaru amerikan (US$600,000.00) dovuta ghar-ragunijiet hawn

fuq premessi, bl-imghax legali mit-30 ta' April 2004 sal-pagament effettiv.

"3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta li tibqa' ngunta biex tidher in subizzjoni."

Rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta tad-29 ta' Settembru 2006 li permezz taghha gie eccepit:

"1. Illi preliminarjament s-socjeta` konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici stante li hija s-socjeta` Marlib S.A.R.L. li ghandha twiegeb ghad-dejn pretiz billi hija dik is-socjeta` li hija d-debitrici principali mhux l-eccipjenti. Ghalhekk l-ewwel ghandha tigi eskussa s-socjeta` Marlib S.A.R.L. fuq il-beni taghha;

"2. Illi subordinatament u minghajhr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-ebda ammont m'hu dovut lis-socjeta` attrici billi l-obbligu garantit mis-socjeta` esponenti gie debitament onorat mid-debitur principali u ghalhekk il-graranzija tal-11 ta' Gunju 2003 giet ezawrita, kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

"3. Sal eccezzjonijiet ohra;"

Rat illi s-socjeta` konvenuta irrinunzjat ghall-ewwel eccezzjoni a fol. 86 tal-process;

Rat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili moghtja fit-30 ta' Novembru 2010 li permezz taghha hija laqghet it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici;

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici li permezz tieghu hija talbet illi din il-Qorti tirrevoka s-sentenza msemmija u tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat ir-risposta tas-socjeta` appellata li permezz taghha wara illi irrespingiet l-aggravji tas-socjeta` appellanti fir-rigward tas-sentenza msemmija talbet il-konferma tal-istess;

Illi l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha b'dan il-mod;

> "1. Din il-kawża hija dwar interpretazzjoni ta' garanzija mogħtija mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi għat-twettiq ta' obbligazzjoni li biha kienet marbuta favur l-attriċi soċjetà oħra sussidjarja tal-konvenuta.
>
> "2. Il-fatti relevanti seħħew hekk: Fil-15 ta' Ġunju 2003 is-soċjetà attriċi daħlet fi ftehim, imsejjaħ *Distributorship Agreement*, ma' *Marlib S.A.R.L.* ["*Marlib*"], soċjetà sussidjarja tal-konvenuta, li bis-saħħa tiegħu l-attriċi kellha tagħmel konsenja ta' *polyetheline* lil *Marlib*. *Marlib* kellha tbigħ il-prodott lilha konsenjat mill-attriċi lil terzi fil-Marokk, u tħallas lill-attriċi għall-konsenja, wara li tnaqqas xi spejjeż u qligħ għaliha, skont il-ftehim.

"3. Fost il-pattijiet bejn l-attriċi u *Marlib* hemm dak li jgħid hekk:

… … … the Distributor [*Marlib*] shall obtain a letter guaranteeing its performance under this agreement up to a value of USD 600,000 from *Lafi Trade Holdings B.V.* [il-konvenuta], which is the parent company of *Marlib SARL.*

"4. Din il-garanzija fil-fatt ingħatat mill-konvenuta b'ittra tal-11 ta' Ġunju 2003 li tgħid hekk:

> "… … … with this letter *Lafi Trade Holdings B.V.* guarantees that *Marlib Limited* shall fulfill all its commitments and financial obligations with *Chempetrol Overseas* as per the contract signed with you [l-attriċi].
>
> "This company guarantee is covering the first Polyetheline shipment to Morocco which is not to exceed the amount of US$ 600,000 and which is due to be loaded from Ras Lanuf during June 2003."

"5. Il-konsenja saret fil-15 ta' Ġunju 2003. *Marlib* ħallset lill-attriċi ħames mija u tnax-il elf, sitt mija u tnejn u sebgħin euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€ 512,672.76), li bil-kambju ta' 1.1793 $/€ applikabbli dak iż-żmien kienu daqs sitt mija u erbat elef, ħames mija u erbgħa u disgħin dollaru u disgħa u disgħin *ċent* ($ 604,594.99), u fadlilha tħallas ħames mija u sebgħa u għoxrin elf u tnejn u erbgħin euro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€ 527,042,74), daqs sitt mija u wieħed u għoxrin elf, ħames mija u wieħed u erbgħin dollaru u tmienja u erbgħin *cent* ($ 621,541.48). Dan id-dejn huwa llum kanonizzat u għadu ma tħallasx.

"6. L-attriċi għalhekk daret fuq il-konvenuta u talbitha tħallas taħt il-garanzija. Il-konvenuta ma riditx tħallas għax qalet illi l-garanzija tolqot biss l-ewwel sitt mitt elf dollaru ($ 600,000) tad-dejn, li ġà tħallsu, u ma tolqotx il-bqija.

"7. L-attriċi għalhekk fetħet il-kawża tallum u qiegħda titlob illi l-qorti:

> "i. tgħid illi l-garanzija mogħtija mill-konvenuta ma ġietx eżawrita u għalhekk il-konvenuta hija marbuta illi tħallas ħames mija u sebgħa u għoxrin elf u tnejn u erbgħin euro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€527,042,74), jew daqskemm jiswew sitt mit elf dollaru ($600,000); u

"ii. tikkundanna lill-konvenuta tħallas il-bilanċ ta' ħames mija u sebgħa u għoxrin elf u tnejn u erbgħin euro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€527,042,74), jew daqskemm jiswew sitt mit elf dollaru ($ 600,000) flimkien mal-imgħax legali mit-30 ta' April 2004 sa meta jsir il-ħlas, u l-ispejjeż tal-kawża.

"8. Il-konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

"i. għandha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju għax hija *Marlib* li għandha twieġeb għad-dejn billi hija d-debitriċi ewlenija; għalhekk għandha qabelxejn issir l-eskussjoni ta' *Marlib* – il-konvenuta irtirat din l-eċċezzjoni b'nota tas-17 ta' April 2007; u

"ii. l-obbligazzjoni garantita mill-konvenuta tħallset mid-debitur ewlieni, u għalhekk il-garanzija ġiet eżawrita."

"9. Ma huwiex kontestat illi d-dejn ewlieni kien għal aktar minn sitt mitt elf dollaru ($600,000), illi ġà tħallsu aktar minn $600,000 mid-debitriċi ewlenija, u li għad fadal bilanċ ta' aktar minnm $600,000. Il-kwistjoni essenzjalment hija jekk il-garanzija mogħtija mill-konvenuta hijiex għal dak li ma tħallasx id-debitriċi ewlenija sa massimu ta' $600,000, kif qiegħda tgħid l-attriċi, jew jekk hijiex biss għall-ewwel $600,000 tad-dejn, kif tgħid il-konvenuta. Il-kwistjoni għalhekk hija dwar l-interpretazzjoni tal-kliem tal-garanzija. Li huwa relevanti ma huwiex il-kliem tal-ftehim tal-15 ta' Ġunju 2003 bejn l-attriċi u *Marlib*, li fih il-konvenuta ma kinitx parti, iżda l-kliem tal-garanzija tal-11 ta' Ġunju 2003.

"10. Il-kliem relevanti huwa illi "*this … … … guarantee is covering the first Polyetheline shipment to Morocco which is not to exceed the amount of US$600,000*". Fil-fehma tal-qorti, il-kliem "*which is not to exceed the amount of US$600,000*" qiegħed jikkwalifika l-kelma "*shipment*" u mhux il-kelma "*guarantee*". It-tifsira grammatikali għalhekk hija illi d-dejn garantit ma għandux ikun aktar minn dak il-massimu: il-limitu huwa fuq id-dejn garantit, mhux fuq il-garanzija.

"11. Billi d-dejn sal-limitu garantit mill-konvenuta huwa mħallas, sewwa tgħid il-konvenuta illi l-garanzija hija "eżawrita".

> "12. Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuta u tiċħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi. Tikkundanna lill-attriċi tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża."

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Marzu 2014 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

**L-AGGRAVJU TAS-SOCJETA` ATTRICI**

Peress illi huwa car illi s-soluzzjoni ta' din il-kawza tiddependi esklussivament fuq l-interpretazzjoni tal-ittra ta' garanzija fornita mis-socjeta` konvenuta ghar-rigward tal-kreditu in kwistjoni l-aggravju tas-socjeta` appellanti naturalment jirrigwardja din l-interpretazzjoni.

Il-kliem rilevanti huwa;

> "*The company guarantee is covering the first Polyethelene shipment to Morocco which is not to exceed the amount of US $600. 000 and which is due to be loaded from Ras Lanauf during June 2003."*

Is-socjeta` debitrici Marlib (li mill-atti jirrizulta li hija socjeta` sussidjarja ta' dik appellata) in effetti hallset aktar minn din is-somma (cirka $607 000) izda baqa' l-bilanc imsemmi fir-rikors promotorju. Is-socjeta` appellanti qed targumenta illi dan ifisser li s-socjeta` konvenuta appellata issa ghandha thallas bhala garanti s-somma bilancjali – naturalment purche` din dejjem ma teccedix is-somma msemmija fil-garanzija.

Huwa minnu li mill-punto di vista etiku u anke legali li l-*kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fede u jobligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obligazzoni skont ix-xorta taghha bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi* kif qalet is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza **Cefalu et v. Gauci nomine LXXX.IV.1359)**. Madankollu kwantu ghall-interpretazzjoni tal-kuntratt, u fuq kollox *il-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli irriteniet illi mhix ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet <u>meta din hija espressa b'mod ambigwu</u>* **Beacom v. Spiteri Staines Appell Civili: 5 ta' Ottubru 1998**.

Fis-sentenza tal-Prim' Awla fl-ismijiet **General Cleaners Limited v. Accountant General et (29 ta' Novembru 2001)** intqal li *bhala principju generali l-ligi u senjatament l-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili jghid li 'meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu*

*car, ma hemmx lok ghall-ebda interpretazzjoni. Il-principju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata –* ***pacta sunt servanda***.

Dan huwa appuntu l-kaz li ghandha din il-Qorti quddiemha f'din il-kawza. Il-Qorti taqbel mas-socjeta` appellanti li t-tifsira tal-kliem tal-klawzola relevanti huwa car izda dan fis-sens oppost li qeghda tirritjeni l-istess socjeta`. Il-kliem surreferit jaghmilha car li l-garanzija in kwistjoni tirreferi ghax-'shipment' in kwistjoni (kif gia` spjegat l-ewwel Qorti) u li ma kellhiex teccedi s-somma ta' US$600,000.00 u jirrizulta li s-socjeta` Marlib hallset somma li teccedi bi ftit is-somma msemmija. Ghalhekk is-socjeta` appellata ghandha ragun tinvoka l-Artikolu 1171(d) tal-Kodici Civili li jghid li l-hlas ghandu jitqies li jkun sar ghad-dejn kopert mill-garanzija qabel dejn iehor mhux hekk kopert.

Huwa minnu li s-socjeta` appellata hija 'parent company' tas-socjeta` Marlib izda dan ma jfissirx li m'hijiex socjeta` ohra b'personalita` guridika differenti u f'kull kaz is-socjeta` appellanti qed tibbaza l-azzjoni taghha fuq il-garanzija in kwistjoni u mhux fuq il-kuntratt taghha ma' Marlib. Huwa minnu wkoll li kif graw l-affarijiet is-socjeta` appellanti ghandha ragun tahseb li giet 'ingannata' ghaliex Marlib hallset l-ammont ta' US$609,000 – proprju ftit aktar mill-ammont garantit mis-socjeta` appellata. Madankollu hija messha qaghdet

attenta ghal dak miktub fil-garanzija in kwistjoni qabel ma issuplixxiet lil Marlib. Ladarba ghazlet li tibqa’ ghaddejja bl-esekuzzjoni tal-kuntratt taghha ma’ Marlib, issa ma tistax tirnexxi f’din il-kawza billi tinterpreta l-garanzija bil-mod li qed titlob il-Qorti biex tinterpretaha u b’mod li allura tkun tista’ tirkupra l-bilanc dovut lilha – u *contra scriptum non est argumentum*.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez anke tal-appell a kariku tas-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------